# Statwi u Niċeċ Marjani fl-Imqabba

Nikol Ciantar

## L-Għolja tas-Salvatur magħrufa bħala "Ta' Merżuq"

Wara ħafna snin nieqes mix-xogħol fejn kont naħdem, kelli ċ-ċans li niltaqa' ma' ex-kollega tiegħi, is-Sur John Barbara u l-mara tiegħu, f'post mhux faċli jew frekwenti li tmur hemm. Iltqajt magħhom fuq l-għoja tas-Salvatur (Ta' Merżuq) Għawdex nhar l-ewwel ta' Awissu 2003. It-tnejn morna hemm bi skop wieħed, li nieħdu ritratt mill-aktar viċin ta' dik l-istatwa maestuża.

Għalija personalment, li nitla' hemm fuq u nieħu dak ir-ritratt kien ifisser ħafna. L-ewwel ħaġa kien hemm l-età anzjana tiegħi, u t-tieni għax dan kellu jkun l-aħħar ritratt li ridt nieħu ġo Għawdex, biex ngħaqqad il-kollezzjoni ta' ritratti li għandi, ta' statwi u niċeċ madwar il-gżejjer Maltin. Ir-ritratti f'Malta, nista' ngħid li kważi lesti kollha.

Meta spjegajt lis-Sur Barbara x'kien l-iskop tiegħi li jiena mort hemm għal dak ir-ritratt, u fiex tikkonsisti l-kollezzjoni tar-ritratti li jiena għandi, dan mill-ewwel issuġġerieli li nikteb xi ħaġa, illustrata b'xi ritratti, għall-programm li joħroġ għall-festa tal-każin tal-Banda Madonna tal-Ġilju. Jiena wegħedtu li se niktiblu xi ħaġa fuq dan is-suġġett li xtaq.

## Id-Domma ta' l-Immakulata

Din is-sena s-Soċjetà Madonna tal-Ġilju qiegħda tfakkar 150 sena mill-proklamazzjoni tad-Domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni. Għalhekk, ġejt mistieden mill-Assistent Segretarju tal-Banda tal-Ġilju, is-Sur Michael Ghigo, biex nikteb xi ħaġa fuq id-devozzjoni lejn Marija Santissma Immakulata, kif murija fl-istatwi u niċeċ li hemm fit-toroq ta' l-Imqabba.

Id-Duttrina ta' l-Immakulata hija domma tal-fidi u għalhekk, bħal kull domma oħra, għalina l-Insara hija twemmin sagrosant. 150 sena ilu, meta kienet ġiet ipproklamata din id-domma mill-Papa Piju IX, Malta kienet immexxija minn kapijiet Protestanti. Dawn il-mexxejja ma kienux jirrikonoxxu l-primat tal-Papa u allura wisq inqas l-infallibiltà. Per eżempju, fit-tarzna, meta l-festa tal-Kunċizzjoni kienet tiġi fost il-ġranet tax-xogħol, u allura kienet tkun xorta festa kmandata, l-awtoritajiet tat-tarzna kienu jostakolaw kemm jistgħu, biex partikolarment lil xi Bormliżi, taħt xi skuża jew oħra, ma kienux iħalluhom jieħdu *leave* biex jiċċelebraw il-festa. Dan kien jiġri kull sena u nnutat minn kulħadd.

F'dawn iċ-ċirkostanzi, taħt dik is-soppressjoni sottili, il-poplu kien iħoss li għandu juri d-devozzjoni lejn il-Madonna b'xi mod ieħor. L-istatwi kienu jkunu mezz ta' xhieda esterna ta' twemmin intern. Li tqiegħed xi statwa f'xi kantuniera, jew f'post prominent i fil-pjazza tar-raħal jew mal-faċċata tad-dar tiegħek, hija wirja qawwija u sinjal ħaj ta' reliġjożità. Statwi tal-Madonna speċjalment taħt it-titlu ta' l-Immakulata, għandna saħansitra narawha tiġi mqiegħda fil-parapetti tad-djar u vilel moderni sal-ġurnata tal-lum.

Statwi Marjani żdiedu wkoll f'Malta wara ħafna dehriet li l-Madonna għamlet f'Fatima u f'Lourdes. Id-domma ta' l-Assunta pproklamata fl-1 ta' Novembru 1950 mill-Papa Piju XII hija aktar riċenti. Din kienet ukoll inċentiv qawwi li żiedet ħafna statwi Marjani f'Malta, naturalment f'dan il-każ taħt it-titlu ta' l-Assunta. Fost dawn l-istatwi nsibu l-istatwa ta' Marija Assunta, li qiegħda fil-ġenb tal-knisja ġol-pjazza fl-Imqabba.

## Il-Patrun tal-Parroċċa

Hija ħaġa naturali li l-akbar devozzjoni f'kull raħal tkun lejn il-Qaddis Patrun tal-parroċċa. Dan jiġi allura rifless fin-numru ta' statwi u niċeċ iddedikati lejn dak il-qaddis. Eżempju tipiku huwa dak ta' San Pawl fir-Rabat fejn hemm mhux inqas minn 31 statwa ta' dan il-qaddis. Eżempji oħra huma ta' San Ġorġ f'Ħal Qormi (17-il statwa), Santa Liena f'Birkirkara (16-il statwa), San Filep f'Ħaż-Żebbuġ (13-il statwa) u Santa Marija fil-Mosta (13-il statwa). Mill-banda l-oħra, f'Ħal Qormi huwa r-raħal bl-akbar numru assolut ta' statwi u niċeċ, fejn hemm madwar 200. Dawn kollha huma dokumentati b'ritratti li ħadt jien stess.

## Statwi u Niċeċ Marjani ġo l-Imqabba

L-Imqabba huwa raħal ċkejken iżda jeżistu fih numru sabiħ ta' statwi u niċeċ. Il-lista sħiħa ta' statwi Marijani li jeżistu fl-Imqabba ssibuha f'paġna 70.

Ma' dawn l-istatwi, teżisti oħra ta' Santa Marija li darba kienet fl-Imqabba u li issa qiegħda ġoċ-Ċentru Parrokkjali ta' Ħ'Attard skond informazzjoni li wieħed ħabib tiegħi mill-Imqabba tani. Din l-istatwa ħadtilha ritratt ukoll.

Meta wieħed jikkonsidra ċ-ċokon tar-raħal ta' l-Imqabba, wieħed jista' jinnota l-kwantità ta' statwi u niċeċ Marjani li jeżistu f'dan ir-raħal. Barra dawn l-istatwi, jeżistu wkoll numru ieħor ta' statwi ta' qaddisin

| | | |
|---|---|---|
| Marija Immakulata | F'Misraħ il-Knisja | Fuq iz-zuntier |
| | Fi Triq il-Qrendi kantuniera ma' ma' Triq is-Sejba (fil-Kamra tan-nar) | Fil-bitħa |
| | Fi Triq il-Parroċċa | Ma' bini/razzett b'faċċata ġdida |
| Marija Assunta | F'Misraħ il-Knisja | Fil-ġenb taz-zuntier |
| | F'Misraħ il-Knisja | Nru. 15 |
| | Fi Triq il-Parroċċa | Nru. 34 |
| | Fi Triq Santa Katarina | Nru. 36 |
| | Fiċ-Ċimiterju San Mikiel u San Bażilju | |
| | Mal-Każin ta' Santa Marija | Fuq il-faċċata |
| Marija Addolorata | Fi Triq il-Lanġas | Nru. 2 |
| | Fi Triq id-Duluri | Mal-kappella tad-Duluri |
| Madonna tal-Ġilju | Mal-Każin tal-Banda Lily | Fuq il-faċċata |
| | Fil-Kamra tan-Nar | Fil-bitħa |
| Madonna Sacro Cuore | Fi Triq Santa Katarina | Nru. 24 |
| Madonna tal-Karmnu | Fi Triq il-Karmnu kantuniera ma' Triq Valletta | |

b'titli, bħal dawk ta' San Ġużepp, San Pawl, San Mikiel, San Innoċenz, Santu Rokku, San Franġisk, San Ġwann Battista, is-Salvatur u Kristu Re.

Fuq il-faċċata tal-knisja hemm ukoll statwi *simbolu* jiġifieri dawk tal-Fidi, tat-Tama u ta' l-Imħabba. Ritratti ta' dawn jagħmlu wkoll parti mill-kollezzjoni li għandi.



*Statwa tal-Madonna tal-Ġilju li tinsab meqjuma ġewwa l-post tan-Nar tas-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju.*

## Il-Kitba fuq l-Irħama

Meta wieħed jifli sewwa u jagħti każ tal-kitba li jkun hemm fuq xi rħama taħt xi wħud mill-istatwi, jsir jaf ħafna dettalji interessanti. Id-data hija l-aktar importanti iżda jkun hemm ukoll min ikun ta' l-indulġenzi, ħafna drabi xi monsinjur jew xi amministratur u anke kultant xi isqof u xi ftit drabi anke papa.

Dawn l-iskrizzjonijiet issibhom miktubin b'ħafna lingwi differenti inklużi l-Latin, it-Taljan u l-Malti. Sibt waħda, sa fejn naf jien l-unika, ukoll bl-Ingliż.

Normalment, dawk miktubin bil-Malti ħafna drabi huma miktubin bl-ortografija l-antika. It-taqsim minn vers għall-ieħor, ħafna drabi jkun jew bl-addoċċ jew iddettaljat mid-disinn u l-forma ta' l-irħama. Din il-kitba, fejn teżisti jiena kkopjajtha fedelment sabiex ikun hemm dokumentazzjoni ta' l-iskrizzjoni wkoll. Iżda ltqajt ukoll ma' drabi li din il-kitba tkun kważi tħassret għal kollox.

## Devozzjoni lejn Marija Santissima

Id-devozzjoni lejn Marija Santissima mill-Maltin ma naqset qatt. Biżżejjed insemmu kemm-il parroċċa u kappella huma ddedikati lill-Madonna, u kemm-il purċissjoni bil-vari, b'mod speċjali dik tad-Duluri jsiru matul is-sena kollha.

Id-devozzjoni tidher kontinwa wkoll fit-toroq tagħna għall-fatt, li f'Malta u Għawdex jeżistu żgur mhux inqas minn 220 niċċa ta' Marija Immakulata, barra oħrajn Marjani wkoll iżda taħt kull titlu ieħor. Dawn huma kollha dokumentati bir-ritratti li jiena ħadt.

Min-naħa tagħha, il-Madonna lil Malta ma nsietha qatt.

Dwar dan għandna fatti storiċi – għalina li nemmnu, inqisuhom bħala atti providenzjali bl-interċessjoni ta' Marija Ommna. Min ma jemminx, l-ebda argument ma jista' jikkonvinċih. Fost il-ġrajjiet li spikkat tal-Madonna lejn il-Maltin insibu r-rebħa ta' l-Assedju l-Kbir, nhar il-Vitorja 8 ta' Settembru 1565, ir-rebħa fuq in-Nażiżmu fit-Tieni Gwerra Dinjija 1943 u l-Konvoj li tana tama għar-rebħa aħħarija, nhar Santa Marija 15 ta' Awissu 1942 u ħafna ġrajjiet oħra anke fi żmienna.

Marija Santissma ħadet ħsieb il-poplu Malti, billi ggwidatu fl-aktar mumenti diffiċli fl-istorja tiegħu. **Grazzi Marija, grazzi.**

## Appell

Nixtieq nagħmel appell ċkejken lill-awtoritajiet fl-Imqabba, bħall-Kunsill Lokali, il-kappillan u l-kumitati ta' kull Soċjetà u Għaqda li teżisti ħalli jkomplu jieħdu ħsieb dawn l-istatwi u niċeċ f'kulma jkun jeħtieġilhom, inkluż ħarsien u kura mill-elementi, u xi drabi anke minn xi vandali.



*L-istatwa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni li tinsab fuq il-Mentna ġewwa l-Imqabba.*

**Irridu nħallu lil uliedna wirt, u xiehda ta' devozzjoni u fidi kontinwa fit-toroq Maltin, bħalma ħallewlna missirijietna.**

## Konklużjoni

Irrid nirringrazzja lill-ħabib tiegħi s-Sur John Barbara ta' dik il-laqgħa li kellna fuq l-għolja tas-Salvatur f'Għawdex għax kienet dik li tat l-ewwel imbuttatura biex jinkiteb dan l-artiklu. Nirringrazzja wkoll lill-Assistent Segretarju, is-Sur Michael Ghigo li għoġbu jistedinni uffiċjalment u joffrili spazju f'dan il-ktejjeb biex nikteb dwar l-istatwi u niċeċ Marjani li hawn fl-Imqabba għall-okkażjoni tal-150 sena mid-Domma ta' l-Immakulata.

Irrid nawgura minn qalbi l-festa t-tajba lill-kumitat, partitarji tal-każin tal-Banda Madonna tal-Ġilju u l-Imqabbin kollha. Ma' dawn irrid ninkludi wkoll lil ħafna ħbieb tiegħi mużiċisti anzjani bħali, biex jiddevertu u jgawdu l-festa ad unur tal-Madonna tal-Ġilju.

**Viva l-Madonna tal-Ġilju.**

**Viva ma' Marija, Marija ma' Malta.**







*For Information and Reservations, kindly phone*
**2146 2786 or**
**2146 2800**